Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2026)0090

Ambitu tal-protezzjoni tad-depożiti, tal-użu tal-fondi ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti, tal-kooperazzjoni transfruntiera, u tat-trasparenza

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-26 ta’ Marzu 2026 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta’ direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/49/UE fir-rigward tal-ambitu tal-protezzjoni tad-depożiti, tal-użu tal-fondi ta’ skemi ta’ garanzija tad-depożiti, tal-kooperazzjoni transfruntiera, u tat-trasparenza (15484/1/25 – C10-0074/2026 – 2023/0115(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (15484/1/25 – C10-0074/2026),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-5 ta’ Lulju 2023[1],

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari[2] dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0228),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 68 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat

---

1 ĠU C 307, 31.8.2023, p. 19.
2 ĠU C, C/2025/3754, 17.9.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3754/oj.

għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0065/2026),

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma l-att flimkien mal-President tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

4. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;*

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.